MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 315/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Angelo Ernest Vincent Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Angelo Ernest Vincent Zammit talli fl-14 ta' Settembru 2002 ghall-habta ta' l-ghaxra u kwart ta' filghodu (10.15) f'Haz-Zebbug, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Angelo Borg ta' 81 sena minn Birkirkara u dan meta kien isuq vettura numru DBG-491 tal-marka Fiat u tajjar lill-imsemmi Angelo Borg.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Mario Angelo Ernest Vincent Zammit milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Ottubru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Angelo Ernest Vincent Zammit hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien tmintax-il (18) xahar mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Angelo Ernest Vincent Zammit pprezentat fit-12 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'dan il-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena u, bla pregudizzju ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija, f'kaz li din il-Qorti ssib xi htija fih, taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija a bazi tal-fatti peress illi hareg car li kien il-vittma li b'ghemilu kkawza l-incident meta pogga lilu nnifsu taht *self-inflicted incapacity* u kkreja emergenza subitaneja lill-appellant; (2) bla pregudizzju ghan-nuqqas ta' reita`, il-piena hija harxa wisq.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din

il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed,**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover**

**ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant, jghid l-ewwelnett b'referenza ghall-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, li l-agir tieghu ma jinkwadrax ruhu bhala kondotta volontarja negligenti dirett ghal xi fini partikolari li minhabba l-ommissjoni tad-debiti kawteli u prekawzjonijiet ikkaguna lezjoni, jew danni, jew pregudizzji lill-interessi ta' terzi. Isostni li ma hemm l-ebda ness ta' kawzalita` bejn il-kondotta tieghu u l-akkadut dannuz, cioe` l-mewt ta' Angelo Borg. Sewwieq akkort, skond l-appellant, f'kundizzjonijiet identici, ma kien ikun qatt fil-posizzjoni li jipprevedi l-possibilita` ta' xi hadd illi jaqsam it-triq minn fuq *central strip* ghan-naha l-ohra tat-triq fin-nuqqas ta' senjalazzjonijiet idonei u cari li l-pubbliku seta' jaghmel dan. Hija l-prevedibilita` li tirrendi persuna hatja ta' kondotta volontarja negligenti, prevedibilita` li – jekk ezistenti f'dan il-kaz – tmur oltre l-grad ta' dik rikjesta minn persuna ordinarja akkorta u cioe` tal-*bonus paterfamilias*.

L-appellant jghid wkoll illi filwaqt li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-vittma kkontribwixxa b'mod sinifikanti ghall-mewt tieghu bil-mod kif ipprova jaqsam it-triq, skond l-appellant l-agir tal-vittma kien l-uniku fattur ghaliex sehh l-incident: ma kienx hemm *pedestrian crossing*, it-triq hi wahda traffikuza, ma hax il-prekawzjonijiet necessarji. Imbaghad is-sewqan ta' l-appellant ma kienx traskurat kif tat x'tifhem l-ewwel Qorti. Ma kienx qieghed jeccedi l-i*speed limit* u *speed* ta' 50 k.f.s. hu idoneju ghal-lokalita` in kwistjoni. Dwar il-*brake marks* l-appellant jghid li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-istat tat-triq. Inoltre kien affjankat minn vettura ohra li kienet qed issuq ftit 'il quddiem minnu u ma kellux b'hekk vizwali ta' x'qed jigri fuq is-*central strip*.

Din il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant.

L-uniku xhud okulari dwar l-incident in kwistjoni kien l-appellant innifsu li kien qieghed isuq il-vettura DBG-491 fi

Triq l-Mdina, Haz-Zebbug u nvesta lil certu Angelo Borg, anzjan ta' 81 sena, meta dan kien qieghed jaqsam it-triq. Meta xehed waqt l-inkjesta magisterjali huwa qal li ma kienx jiftakar b'liema velocita` kien ghaddej izda kien hemm vettura li bdiet taqilghu minn barra. Fil-karreggjata ta' gewwa kien hemm xi vetturi pparkjati. Il-vettura fuq il-lemin tieghu qalghetu u hu gibed lejn nofs it-triq biex jevita vann ipparkjat. U jkompli: "F'daqqa wahda nara persuna qed taqsam quddiem. Dan beda jaqsam mis-*central strip* ghall-karreggjata ta' gewwa. Jien rajtu jigri. Jien zammejt brejk qawwi. Ma stajtx indur biex nevitah u peress li kien hemm vettura fuq in-naha ta' barra tieghi."

Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti qal, b'referenza ghal dak li kien xehed fl-inkjesta li l-vittma beda jaqsam mis-*central strip*, li fil-fatt hu ma kienx raha dik il-persuna fuq is-*central strip*. Minhabba karozza mtarrga mieghu fuq in-naha tal-lemin ma setax jara l-vittma jekk hux kien qieghed jaqsam mis-*central strip* jew le. Qal li l-ewwel darba li ra l-vittma kien meta hareg minn quddiem il-karozza li kien hemm quddiemu fuq in-naha tax-xellug taghha. F'dak il-mument il-*bonnet* tieghu kien qisu man-naha ta' wara tal-vettura li kien hemm quddiemu. Il-wicc tat-tarmac kien imkisser u meta ghafas il-*brakes* hass ir-roti jirrokkjaw u l-karozza titkaxkar. Bhala speed kien ghaddej b'xi 50 k.f.s. In kontro-ezami dwar l-ispeed qal li jista' jkun li kien ghaddej b'aktar u li dak li ta fix-xiehda tieghu tah bhala estimi. Insista li ma rax lill-vittma, li kien ragel qasir, jghaddi minn quddiem il-vettura ta' quddiemu u meta fegg minn quddiem dik il-karozza ma waqafx u hares izda baqa' sejjer u ghalhekk laqtu. Il-*brake* ghafsu qabel ma laqat lill-vittma. Il-karozza ta' quddiemu baqghet sejra. Minhabba l-vetturi pparkjati ma' genb it-triq fuq ix-xellug tieghu, kellu vizjoni aktar ristretta tat-triq min-naha tal-lemin.

Issa, minn ezami ta' bosta sentenzi, hija evidentement distingwibbli x' ghandha tkun l-imgieba tas-sewwieq u tal-*pedestrian*, *qua* utenti tat-triq:-

(1) "*Driver* ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam

negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian*. Il-kaz li fih id-*driver* jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-*driver* f'posizzjoni li, anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "**Il-Pulizija -vs- Dockyard PC 347 Carmel Mifsud**", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954 (**Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 859**).

(2) "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (**Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031**).

(3) "Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing*" – "**Il-Pulizija -vs- Joseph Formosa**", Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 (**Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027**).

(4) "Hu veru li anki l-*pedestrian* ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-*driver* l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma

ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija -vs- George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (**Kollez. Vol. XLV P IV p 947**).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anna Rita sive Anita Camilleri** deciz fil-25 ta' Settembru 2003, intqal:

"Illi gie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-*car* milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-*pedestrian* krejata lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P. IV p. 1023).

"F'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavvera ruha, e.g. 'meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat' (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. J. Thornton** Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.' (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.IV. p765) .

"Mill-banda l-ohra pero` gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*sudden emergency* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

"Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn) Dana ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Huwa dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex *driver* ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu. Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu c-cirkostanzi mprovvizi" – "**Il-Pulizija -vs- Joseph Thornton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961 (**Kollez. Vol. XLV P IV p 920**).

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kkonkludiet li Angelo Borg ikkontribwixxa b'mod sinifikanti ghall-mewt tieghu bil-mod kif ipprova jaqsam it-triq. Din il-Qorti taqbel. It-triq in kwistjoni hi triq traffikuza ferm u mis-*site* plan anness mar-relazzjoni ta' l-A.I.C. Valerio Schembri jirrizulta li lejn ix-xellug ta' Borg it-triq tibda tikkurva. Ghalhekk kien rikjest minn Borg prudenza kbira billi jesplora sew it-triq lejn ix-xellug tieghu qabel ma jibda jaqsam. U meta jiddeciedi li jaqsam, jaqsam bic-celerita` mehtiega. Din il-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni dwar jekk Borg missux dar id-dawra bil-karozza tieghu minflok ipparkja fejn ipparkja biex ikollu jaqsam it-triq darbtejn. Huwa logiku li kien ikun ahjar li kieku ghamel hekk. Izda kif ritenut fil-gurisprudenza taghna "fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passagg tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juza t-triq

karrozzabbli anqas ghandu jitqies bhala xi intruz" (**Salvatore Bongailas -vs- Joseph Mercieca**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1967). Skond l-appellant lil Borg rah jigri. Jigifieri Borg kien qieghed jittanta jaqsam it-triq malajr kemm seta'. Lehaq ghadda minn quddiem il-karozza fuq il-lemin ta' l-appellant u jidher li kien kwazi wasal quddiem il-karozza tieghu meta ntlaqat mill-vettura ta' l-appellant peress illi l-hsara f'din il-vettura kienet kollha fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li Angelo Borg hasad lill-appellant izda dan ma jfissirx li kien hu unikament responsabbli ghall-incident. Bhalma jkompli jintqal fis-sentenza appena citata: "filwaqt illi l-*pedestrian* ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza, minn naha l-ohra d-*drivers* ta' karozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu ghall-*pedestrians* li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq".

Ghalkemm Angelo Borg ikkontribwixxa b'mod sostanzjali ghall-incident, l-appellant ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabilita`. Filwaqt illi ma jirrizultax illi kien qieghed jeccedi l-velocita` massima regolamentari, il-velocita` prudenti hi dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument. L-appellant kien gej minn kurva fit-triq, kien hemm fuq ix-xellug tieghu vetturi pparkjati li setghu jaghtu x'jifhem li kien hemm xi persuni fl-inhawi u li fil-fatt minhabba dawk il-vetturi kellu jersaq aktar lejn nofs il-karreggata, kellu vettura qed taqilghu, u l-wicc tat-triq ma kienx wiehed tajjeb peress illi l-asfalt kellu hafna qsim. Dawn kienu kollha cirkostanzi li kienu jissuggerixxu rallentar fil-velocita` tieghu. Il-velocita` li l-appellant kellu ma ppermettitlux li jzomm tempestivament u l-anqas li jaghmel xi manuvra ohra effikaci. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset lill-appellant responsabbli in parti ghall-incident.

Kwantu ghall-piena, ma jistax jinghad li kien hemm *gross negligence* da parti ta' l-appellant peress illi ma kienx hemm fih xi fattur li juri *recklessness* jew non-kuranza ghall-inkolumita` ta' haddiehor. Inoltre din il-Qorti hi tal-

fehma li Angelo Borg kellu grad akbar ta' negligenza mill-appellant minn kif gie rifless fil-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal multa ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) u ghall-iskwalifika milli jkollu jew milli jikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien tmintax-il xahar millum u minflok tikkundannah ghal multa ta' tlett elef u hames mitt euro (3,500) u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar minn nofs-il lejl tallum, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------